# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

**Minuti**

**L-Għaxar Leġislatura**

**Laqgħa numru 29 (Kontinwazzjoni)**

**17:30 pm 23 ta' Jannar 2026**

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Farrugia | Sindku |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Domenic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |

**Assenti**

**Uffiċċjal Preżenti**

Roderick Ebejer - Segretarju Eżekkuttiv

**Is-sindku Luke Farrugia fetaħ il-kontinwazzjoni tal-laqgħa 29 fil-ħamsa u tnejn u tletin minuta ta' filgħaxija (17:32pm).**

**29.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

Is-Sindku, Sur Luke Farrugia, informa lill-Kunsill li rċieva ittra ta' apoloġija mingħand il- Viċi Sindku is- Sur Josef Azzopardi; il- Kunsillier is-Sur Anthony Meilaq.

**Il-Kunsill approva l-apoloġiji ppreżentati.**

**29.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku.**

29.3.20 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li kellu laqgħa mal-manager tal-kumpanija Yellow Pages, fejn intlaħaq ftehim li l-parti privata fi Triq il-Pitkali, fejn normalment jipparkjaw il-vetturi tal-kumpanija, ser tkun miftuħa għall-użu tar-residenti matul il-weekends. Intlaħaq ukoll ftehim sabiex l-istess żona tinfetaħ matul il-ġimgħa wara l-ħinijiet tal-uffiċċju, mis-17:30 ta' filgħaxija sas-06:00 ta' filgħodu.

Is-Sindku infurma wkoll li t-tabelli preżenti ser jinbidlu sabiex jirriflettu l-ħinijiet il-ġodda kif miftiehem, u li kwalunkwe vettura li tibqa' pparkjata barra l-ħinijiet permessi tkun suġġetta għal towing min-naħa tal-Kunsill.

29.3.21 Is-Sindku nforma il-Kunsill li kien irċieva risposta mid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment dwar il-permessi jekk għandhomx isiru kollha bi ħlas, fejn liema ħlas tal-permessi għandom jiriflettu l-użu mitlub tal-permess.

**Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti, ġie maqbul li ssir laqgħa mal-Awtorità LESA sabiex tiġi diskussa s-sistema tal-permessi u biex jiġu esplorati soluzzjonijiet fil-futur, inkluż il-proċedura fejn, f'każ ta' abbuż ta' permess maħruġ mill-Kunsill, isiru "spot checks" u jiġu identifikati dawk li jikkooperaw ħażin mis-sistema tal-permessi.**

29.3.22 IsSindku informa lill-Kunsill li d-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali wieġeb li r-rwol ta' "minority leader" fil-Kunsill mhux rikonoxxut u li ma jagħtix awtorità lil ħadd mill-membri tal-Kunsill.

**29.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**29.4.1** Il-Kunsillier Joseph Scerri saqsa lis-Sindku rigward il-ħadida li tinsab fi Triq Fra Diegu.

**Is-sindku informa lil Kunsillier Joseph Scerri li kien kellem il-Kuntrattur u infurmaħ li ser jieħu azzjoni b'mod urġenti.**

**29.4.2** Il-Kunsillier Joseph Cachia saqsa lis-Sindku kif se jaħdem il-kumitat tal-finanzi u kif ser issir ir-rapport tal-kumitat lill-membri tal-Kunsill

**Is-Sindku wieġeb li r-rapport tal-Kumitat tal-Finanzi ser jiġi ppreżentat lill-membri tal-Kunsill permezz tal-minuti ppreparati mis-Segretarju Eżekuttiv (SE) fil-laqgħa tal-Kunsill.**

**29.4.3** Il-Kunsillier Joseph Cachia saqsa lis-Sindku jekk hemmx possibilta li jiżdiedu il-kenniesa għat-tindif fil-lokalita.

**Is-Sindku wieġeb li bħalissa mhux possibbli li jiżdiedu aktar kenniesa ma' dawk eżistenti.**

**29.4.4** Il-Kunsillier Dominic Spencer saqsa lis-sindku dwar ix-xogħol li waqf ġewwa spencer hill.

**Is-Sindku wieġeb li kien f'kuntatt ma' Infrastructure Malta, fejn ġie infurmat li nqalgħet problema serja u konsegwentement, ix-xogħol kellu jieqaf temporanjament. Huwa talab ukoll sabiex jerġa' jsir il-parkeġġ riservat li kien jeżisti qabel. Għal dan il-għan, ser jitlob lill-amministrazzjoni sabiex tintbagħat email uffiċjali f'isem il-Kunsill dwar it-tkomplija tax-xogħlijiet u r-reinstalazzjoni tal-parkeġġ riservat għal persuni b'diżabilità.**

**29.4.5** Il-Kunsillier Dominic Spencer saqsa dwar ix-xoghol ta Cycle lane liema xoghol waqaf u li l-iscaffolding li hemm installat il-hording tieghu inqala kollu bir-riħ.

**Is-Sindku ta struzzjonijiet lis-Segretarju Eżekuttiv (SE) sabiex tintbagħat email lil Infrastructure Malta biex jiġu indirizzati u solvuti l-kwistjonijiet pendenti u jitkompla x-xogħol relatat mas-Cycle Lane, kif ukoll biex jiġi mħares u assigurat il-hording tal-iscaffolding u jingħata aġġornament dwar ix-xogħlijiet fi Spencer Hill.**

**29.4.6** Il-Kunsillier Dominic Spencer staqsa rigward it-trasferiment tal-fondi tal-iskema tal-Bandli ta' Juan Mamo għall-Ġnien Belvedere, fejn kien hemm deċiżjoni tal-Kunsill sabiex jiżdiedu passaġġi (paths) u jiġi installat tagħmir ta' Open Air Gym.

**Is-Sindku informa li ser ikun qed jiġbor iktar informazzjoni mingħand il-Perit tal-Kunsill u jippreżenta tweġiba fil-laqgħa li jmiss.**

**29.4.7** Il-Kunsillier Dominic Spencer staqsa jekk hemmx pjan li issir tisbiħ tal-binja tal-Kunsill u l-opzjoni li jitla sular ieħor, u x'se jkun qed issir dwar il-Wirja tal-presepji.

**Is-Sindku informa lill-Kunsillier Dominic Spencer li ser jieħu l-wirja tal-presepji f'kunsiderazzjoni u jiddiskuti mal-Perit l-għażla li jiżdied sular ieħor fil-binja, bħala parti mit-tisbiħ tal-istess binja, sabiex il-wirja tkun tista' tibqa' tittella' fil-binja tal-Kunsill.**

**29.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni skeda ta'pagament 01/2026**

Is-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 01/26 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa

**29.5.1 Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Luke Farruġia u sekonda il-Kunsillier is-sinjura Gloria Aquilina, il-kunsill approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti.**

**29.6 Approvazzjoni tal-estimi Finanzrarji 2026**

Is-SE informa lill-membri preżenti jagħti l-approvazzjoni sabiex jingħaqad magħhom, l-Accountant tal-Kunsill, sabiex jispjega l-estimi Finanzjarji 2026, wara li kien diskuss waqt il-Kumitat tal-Finanzi u li minnu ma sarx tibdil minn dak oriġinalment ippreżentat lill-Kunsill.

**Fuq proposta tas-Sindku issekondata mill-Kunsillier Joseph Cachia, il-Kunsill approva l-baġit 2026, b'erba (4) voti favur u vot (1) astjena.**

**29.7 Data għall-Laqgħa Annwali mal-pubbliku**

Is-Sindku informa lil membri preżenti li hemm il-ħtiega li wasal iż-żmien li tinżamm il-laqgħa pubblika annwali. Is-Sindku ppropona li l-laqgħa pubblika annwali tinżamm fit-18 ta' Frar fis-18:30 ta' filgħaxija, wara laqgħa tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Dominic Spencer issuggerixxa li jintalbu jattendu għal-laqgħa persuni inkarigati mid-diversi proġetti sabiex jippreżentaw u jispjegaw ix-xogħlijiet li qed isiru, inkluż uffiċjal mill-proġett ta' Fisherman Street, uffiċjal mill-GHRC dwar il-proġett tas-sbuħija tal-Pjazza tat-Trinità Qaddisa, kif ukoll is-Superintendent tal-Community Police.

**Il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa annwali mal-pubbliku ssir nhar it-18 ta' Frar 2026 fis-18:30 ta' filgħaxija.**

**29.8 Partail one way – Triq Derby u Triq Simpson**

Is-Sindku qed jipproponi li, peress li jkun hemm konġestjoni kbira waqt il-ħin tal-iskejjel meta jitwasslu u jinġabru t-tfal, fejn il-karozzi jibqgħu ma' Triq l-Iskola u jidħlu minn Triq Derby jew Triq is-Seħb, jiġu evalwati soluzzjonijiet sabiex jiżdied l-influss aħjar tat-traffiku u jipprevjenu blokkijiet fil-mumenti ta' peak, fosthom permezz ta' sistema ta' traffiku b'one-way.

**Wara li s-Sindku ippropona u ssekonda l-Kunsillier Dominic Spencer, il-Kunsill qabel unanimament li jsiru diskussjonijiet ma' Transport Malta fuq il-proposta tal-Kunsill biex tiġi introdotta sistema ta' traffiku b'one-way fi Triq Derby u Triq Simpson b'perjodu ta' prova.**

**29.9 Kiri tas-Sala tal-Knisja Marija Reġina għall- Kunsill Lokali**

Is-Sindku qed jipproponi li, bħala ringrazzjament lill-Kappillan ta' Marija Reġina talli offra l-użu tas-Sala tal-istess Knisja għall-għeluq u riċeviment għall-Ġieh il-Marsa, isir ħlas ta' bejn €50. Huwa stqarr ukoll li ma kien hemm l-ebda talba mill-parroċċa għal ħlas għall-użu tas-sala.

Il-Kunsillier Joseph Cachia ssekonda.

**Wara diskussjoni mill-membri vvutaw 2 membri favur u 3 membri astjenew.**
**Il-proposta għall-ħlas għall-użua tas-sala ma ġietx approvata.**



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**29.10 Construction of Belisha Crossing – Triq is-Salib, Marsa**

Is-Sindku informa lill-membri preżenti dwar il-ħtieġa li tiġi installata Belisha Crossing fil-viċinanza tal-istabiliment Oyia, żona li tintuża minn ħafna nies li jużaw is-servizzi tal-istabilimenti f'dik il-parti tal-lokalità.

**Wara proposta tas-Sindku, ssekondata mill-Kunsillier Dominic Spencer, il-Kunsill approva l-proposta b' 4 voti favur.**

**29.11 Konsultazzjoni Pubblika – Ġnien Belvedre u Ġnien 6 ta' Awwissu**

Is-Sindku informa lill-membri preżenti li kien ikkonsulta mal-Perit dwar il-proposti deċiżi mill-Kunsill fil-laqgħa li saret f'Awwissu 2025. Il-Perit preżenta wkoll ideat dwar kif dawn il-proposti jistgħu jiġu modifikati. Kien approvat li jinħolqu Dog Park fi Ġnien 6 ta' Awwissu u Open Gym fi Ġnien Belvedre.

Is-Sindku qed jipproponi li ssir konsultazzjoni pubblika sabiex jingħata l-opportunità li jikkummenta fuq il-ħsieb tal-Kunsill għal dawn iż-żewġ ġonna u, forsi, jissuġġerixxi ideat oħra li jixtieq iżid mal-pjan approvat mill-Kunsill.

**Wara diskussjoni mal-membri tal-Kunsill u skont qbil miksub f'laqgħat preċedenti, ġie approvat li jinħoloq Dog Park ġewwa Ġnien 6 ta' Awwissu u Open Gym fi Ġnien Belvedre bl-użu tal-fondi DPF.**

**Il-membri qablu wkoll li, fir-rigward ta' Ġnien 6 ta' Awwissu, għandha ssir laqgħa mal-entità GHRC dwar it-tielet parti tal-proġett li tinkludi l-ġnien imsemmi.**

**29.12 Manutenzzjoni – Football Ground**

Is-Sindku informa lill-membri preżenti li hemm bżonn li ssir manutenzjoni tal-ground minħabba li xi partijiet jeħtieġu attenzjoni. Huwa spjega li, wara diskussjoni mal-Perit, jistgħu jintużaw il-fondi DPF għall-manutenzjoni meħtieġa.

**Wara proposta tas-Sindku, ssekondata mill-Kunsillier Dominic Spencer, il-Kunsill approva l-proposta, Il-Kunsill qabel unanimamnet.**

**29.13 Pedestrian Crossing – Cassar Shipyard**

Is-Sindku infurma lill-membri preżenti li dan l-item fuq l-agenda se jiġi eskluż, peress li l-Kunsillier Anthony Meilaq mhux preżenti u kien item li hu xtaq jitkellem fuqa.



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**29.14 Il-Problema ta' Parkeġġ fil-Marsa**

Il-Kunsillier Dominic Spencer spjega li hemm problema ta' parkeġġ fit-Triq San Piju ta' Pietralcina, fejn il-vetturi qed jiparkjaw quddiem il-garaxxijiet u fuq il-bankina. Huwa stqarr li uffiċjal tal-pulizija qed joħorġu taħrikiet fl-4:00 ta' filgħodu.

Il-Kunsillier spjega wkoll li l-Kunsill kien talab lil Transport Malta sabiex jiġu installati sinjali li jippermettu lill-vetturi jiparkjaw parti fuq il-bankina u parti fit-triq, bħal f'żoni oħra, iżda din il-proposta ma ġietx aċċettata.

Kien hemm suġġerimenti mir-residenti biex il-parkeġġ fuq il-bankina jkun permess f'ċerta ħin, mid-20:00 ta' filgħaxija sas-08:00 ta' filgħodu.
Spjega wkoll li hemm partijiet oħra fl-istess triq fejn jista' jitħaddem parkeġġ skond is-sinjali kif indikat fir-ritratti mehmuża fl-Appendiċi A.

Il-Kunsillier Dominic Spencer ippropona li l-Kunsill jinforma lill-Perit tal-Kunsill sabiex jagħmel l-applikazzjoni meħtieġa mat-Transport Malta għall-Residential Parking, kif ukoll sabiex jiġu installati tabelli li jippermettu parkeġġ bejn it-triq u l-bankina fit-Triq San Piju ta' Pietralcina.

**Wara proposta tas-Sur Dominic Spencer, li ssekonda s-Sindku Luke Farrugia, il-membri tal-Kunsill ivvutaw 2 favur, 2 astjenew u 1 kontra. Peress li nqabdet parità fil-voti, intuża l-kasting vote tas-Sindku favur il-proposta.**

**29.15 Iż-Żgombru ta' Vetturi u Trailers tal-industrija.**

Is-Sindku spjega li ġew ordnati tabelli sabiex jitwaħħlu fi Triq tat-Tromba bħala avviż dwar l-iparkjar ta' trailers illegali fiż-żona, skond kif kien permess mit-Transport Malta wara direttiva mitluba.

Il-Kunsillier Dominic Spencer kompla jispjega li, għalkemm it-tabelli se jitwaħħlu, huwa ferm importanti li jsir infurzar effettiv, peress li hemm żoni oħra fejn hemm problemi simili, fosthom fl-area ta' Spencer u fl-area tal-MOBC, kif ukoll trailers ippakkjati quddiem l-entratura ta' sub-station tad-dawl, kif indikat fl-Appendiċi B.

**Il-Kunsillier Dominic Spencer spjega wkoll li ser iressaq mozzjoni 01/2026 (appendiċi Ċ) sabiex tintbagħat ittra uffiċjali lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-entitajiet tal-infurzar biex jiżdied u jiġi implimentat infurzar fuq dan l-abbuż ta' iparkjar illegali tat-trailers ġewwa il-Marsa.**

**29.16 Rimi ta' skart industrijali u skart illegali ieħor**

Il-Kunsillier Dominic Spencer informa lill-Kunsill dwar każ ta' rimi ta' skart illegali wara l-MOBC minn kumpanija partikolari tat-trailers. Huwa spjega li l-materjal tal-ippakkjar li joħroġ mit-trailers tagħha qed jintrema b'mod illegali fil-post, kif jidher fir-ritratti ppreżentati fuq il-mejda tal-Kunsill (Appendiċi D). Żied jgħid li darbtejn fil-ġimgħa l-vann tas-servizz tal-Cleansing qed jiġbor l-istess skart illegali minn dan il-post.

**Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li jintbagħat email uffiċjali mill-Uffiċċju tal-Kunsill lill-Pulizija, lill-ERA u lill-LESA sabiex, fejn ikun hemm każijiet ta' rimi ta' skart illegali, isiru r-rapporti neċessarji u jittieħdu l-passi meħtieġa kontra l-individwi responsabbli mill-abbuż.**

**29.17 Karnival 2026 fil-Marsa**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-amministrazzjoni ġabret l-istimi meħtieġa sabiex titwettaq l-attività tal-Karnival 2026.

Qabel il-preżentazzjoni tal-istimi mis-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsillier Dominic Spencer għamel stqarrija fejn irrimarka li l-attivitajiet tal-Karnival u tal-Milied dejjem ġew organizzati minnu b'dedikazzjoni u skont id-dispożizzjonijiet legali. Huwa nnota li, minkejja li id-deċiżjoni għall-approvazzjoni tal-Kunsill waslet tard, parti sostanzjali mill-preparamenti diġà tlestiet.

Għaldaqstant talab il-fiduċja tal-Kunsill sabiex ikompli jmexxi l-preparamenti. Huwa żied li, f'każ ta' nuqqas ta' fiduċja, kien lest jagħmel handover formali tax-xogħol li sar sabiex ir-responsabbiltà tad-dikasteru tal-attivitajiet tgħaddi għand membru ieħor.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u spjega fid-dettall l-istimi miġbura għall-organizzazzjoni tal-attività, b'mod partikolari l-offerti sottomessi minn żewġ kumpaniji li jipprovdu servizzi ta' koordinazzjoni u ġestjoni tal-attivita. L-istimi ġew analizzati u mqabbla sabiex il-Kunsill ikun jista' jikkunsidra l-għażla l-aktar xierqa.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-ħin tal-laqgħa permess mil-liġi kien ser jinqabeż. Il-Kunsill, b'mod unanimu, qabel li l-laqgħa tkompli sabiex jitlesta u jingħalaq l-item diskuss.

**Wara diskussjoni bejn il-membri tal-Kunsill, is-Sindku sejjaħ vot sabiex jiġi deċiż jekk l-istimi għandhomx jinġabru mill-uffiċċju tal-Kunsill jew inkella jibqa' jiġi segwit il-proċess kif kien isir fil-passat. Il-proposta ġiet issekondata mill-Kunsillier Joseph Cachia.**

**Fil-votazzjoni, membru wieħed astjena, tliet membri vvutaw favur il-proposta skont il-liġi, filwaqt li membru wieħed ivvota kontra.**

**29.18 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss:**

Il-laqgħa ntemmet fit- 20:48 filgħaxija u ġiet aġġornata għall- Erbgħa 18 ta' Frar 2026 fil-17:30 ta' filgħaxija fil- bini amministrattiv tal-Kunsill

| | |
|---|---|
| Luke Farrugia | Roderick Ebejer |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**<u>Appendiċi A</u>**




er,

’77


P
1 A
28.14
Belt
Valletta




MarsaSkala
28·14
1C




Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Segretarju Eżekkuttiv: Roderick Ebejer

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*



Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Segretarju Eżekkuttiv: Roderick Ebejer

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**Appendiċi B**



2A 28.16

Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Segretarju Eżekkuttiv: Roderick Ebejer

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*




Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Segretarju Eżekkuttiv: Roderick Ebejer

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*





06 Jan 2026
2.D.
28.16

Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Segretarju Eżekkuttiv: Roderick Ebejer

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**Appendiċi Ċ**

**Data: 23/01/2026**

**Mozzjoni 01/2026 imressqa mill-Kunsillier Dominic Spencer.**

**Nipproponi li l-Kunsill tintbghat ittra biex b'effet immedjat lilegeletajiet li qed ikun fi Triq tat-Tromba, u l-area ta' Spencer Hill, ttieħed azzjoni immedjatament biex b'hekk ilkoll flimkien bħala Kunsill u entitajiet nevitaw inċident li jista ikun incident fatali ukoll.**

**Wara li s-Sur Dominic Spencer ippropona u ssekonda l-Kunsillier Joseph Scerri, il-Kunsill qabel unanimament il-proposta.**

**Appendiċi D**



Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Segretarju Eżekkuttiv: Roderick Ebejer

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*



3 Jan 2026
33
28·17

Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Segretarju Eżekkuttiv: Roderick Ebejer

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*




Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Segretarju Eżekkuttiv: Roderick Ebejer

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*